**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 26 ta' Settembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**vs**

**Roderick Falzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Roderick Falzon detentur tal-karta tal-identita bin-numru 328877(M) u akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, f' Jannar 2015 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wiret

haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta' John Claude Mercieca (ID 280172M).

2. Appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames telef euro (€5,000) that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' John Claude Mercieca (ID 280172M).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ihallas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Awwissu, 2017 (esebita a fol. 520 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat that dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 532A, 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-parti civile u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali prezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw flus mghoddija lill-imputat mill-parti civile akkont ta' shubija f'negozju ta' computers u accessorji. Il-kaz odjern origina minn kwerela (Dok. JF 4 a fol 26 sa 29 tal-atti processwali) ghan-nom ta' John Claude Mercieca[1]. L-imputat u l-parti civile John Claude Mercieca ltaqghu fl-2012. Dak iz-zmien l-imputat kien jopera permezz tal-kumpanija Comprod Group Limited fix-xiri ta' prodotti tal-informatika. Il-partijiet qablu li jidhlu fi shab fejn l-imputat jaghmel in-negozjati u x-xoghol necessarju u l-parti civile jiffinanzja n-negozju bil-profitti jinqasmu nofs bin-nofs minkejja li l-parti civile kien jaf li l-imputat kellu problema ta' *cash flow*. Il-parte civile ghaddha lill-imputat diversi pagamenti fosthom cekk ta' €8,000 datat 14 ta' Settembru 2012 (a fol 35 tal-atti processwali) sabiex jinxtraw computers, laptops u computer

[1] Xhieda tal-Ispettur Jonathan Ferries (a fol 12 sa 25 tal-atti processwali)fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2017

components li kienu ser jinbieghu mill-imputat bl-intiza li l-flus jigu ritornati fi zmien tliet xhur flimkien mal-profitti. Il-parti civile ghaddha somom ulterjuri lill-imputat u l-imputat ma bediex inlahhaq mal-pagamenti. Bhala garanzija l-imputat ghadda lill-parti civile *open dated* cekk allegatament minghajr ammont li wara mtela mill-parti civile fl-ammont ta' €47,000 (a fol 30 tal-atti processwali). Wara li nghata dan ic-cekk il-parti civile ghaddha somma ulterjuri ta' €3,000 cash lill-imputat. Bejn Marzu u April 2013 l-imputat talab aktar flus minghand il-parti civile ghaliex kienet dahlet ordni tajba mill-Kullegg MCAST. Il-parti civile ghadda l-flus lill-imputat u talbu jurih l-invoice. L-imputat naqas milli jurih l-invoice u l-parti civile ghamel kuntatt mal-MCAST fejn gie nfurmat li l-ordnijiet kienu saru f'Jannar u thallsu fl-istess zmien. Sussegwentement il-parti civile prova jsarraf ic-cekk ta' €47,000 izda dan gie *referred to drawer* u giet intavolata l-kwerela fit-8 ta' Jannar 2015. Ic-cekkijiet u pagament *cash* mghoddija mill-parti civile lill-imputat huma s-segwenti (a fol 31 sa 40 u 393 sa 394 tal-atti processwali):

| | | |
|---|---|---|
| 22/05/2013 | Cekk BOV 58 | €2,600 |
| 01/02/2013 | Cekk BOV 57 | €2,500 |
| 12/10/2012 | Cekk BOV 49 | €3,000 |
| 25/09/2012 | Pagament cash | €5,500 |
| 14/09/2012 | Cekk BOV 48 | €8,000 |
| 31/12/2012 | Cekk BOV 56 | €2,500 |
| 13/11/2012 | Cekk BOV 51 | €700 |

| | | |
|---|---|---|
| 22/10/2012 | Pagament Cash | €4300 |
| 17/10/2012 | Cekk BOV 50 | €22,000 |
| **Total** | | **€51,100** |

Illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-2 ta' Novembru 2015 (Dok. JF 3 a fol 43 sa46 tal-atti processwali) l-imputat stqarr li l-kumpanija tieghu bl-isem ta' Comprod Group Limited kellha problemi finanzjarji u ta' likwidita. Fl-2012 iltaqa' ma' John Claude Mercieca u ftehmu li jidhlu fin-negozju flimkien. L-imputat kien juri l-invoices lill-parti civile u l-parti civile kien jghaddilu l-pagamenti sabiex l-imputat ihallas lis-suppliers tieghu. Meta l-klijent tal-kumpanija jhallas l-imputat kellu jirritorna l-ammont moghti lilu mill-parti civile flimkien ma' nofs il-profitti. In linea ma' dan l-arrangament l-imputat stqarr li fadal ihallas lil John Claude Mercieca bilanc ta' bejn €20,000 u €25,000. Ikkonferma li fost il-klijenti tal-kumpanija kien hemm l-MCAST u li l-kumpanija kellha facilità ta' *overdraft* ta' €180,000 mal-Banif Bank plc imma din il-facilita inghalqet ghaliex l-imputat kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni. L-imputat qatt ma zamm ircevuti tal-flus mghoddija lill-parti civile u fir-rigward tac-cekk ta' €47,000 stqarr li c-cekk inghata bhala garanzija u kien iffirmah hu stess u kien tah lil John Claude Mercieca vojt ghajr ghall-firma ghaliex il-parti civile kellu jikkwantifika s-somma dovuta lilu. Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2018 (a fol 552 sa 575 tal-atti processwali) l-imputat xehed li lejn l-ahhartas-sena2012 il-parte civile ried pagamenti ta' €3,500 fix-xahar izda ma setghax ihallas din is-somma u beda jtih €700 cash profitti kull gimgha oltre l-kapital. In kontro-ezami xehed li €8,000 uzahom biex jixtri xi xoghol minbarra izda fil-proceduri ma esebixxa l-ebda invoices. Spjega li apparti s-separazzjoni, il-haddiema serquh €70,000 izda ma ghamel l-ebda rapport u lanqas claim

mal-insurance. Ikkonferma li rendikont tal-pagamenti li kien jaghmel lill-parti civile ma kellux u ma sar l-ebda kitba fir-rigward ta' dan in-negozju u xehed li ghad fadallu jhallas lill-parte civile bejn €20,000 u €25,000 bl-ahhar pagament kien fl-2014. Dwar ic-cekk tal-€47,000 ammetta li fiz-zmien meta nhareg ic-cekk ma kellux tali flus fil-kont bankarju.

Illi l-parti civile John Claude Mercieca ddikjara fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 (a fol 298 sa 310 tal-atti processwali) li meta ltaqa mal-imputat f' Settembru 2012 l-imputat qallu bin-negozju u li kellu hafna ordnijiet u facilità ta' overdraft ta' €30,000. L-ammont ta' flus li kien ghaddha lill-imputat kien ta' circa €47,000 u xi flus cash li l-imputat kien jiffirma ghalihom. L-imputat kellu jhallas €700 fil-gimgha akkont tal-kapital sabiex jinqata' l-ammont dovut minnu. Mill-ammont dovut, l-imputat irritorna €18,000. F' okkazzjoni minnhom ghal habta ta' Marzu l-imputat qallu li kellu ordni ta' Arrigo Group Limited u tal-MCAST ghall-parts tal-kompjuter. Il-parte civile ghaddielu pagament minkejja li l-imputat ma wriehx l-invoice. Il-parti civile kkomunika mal-MCAST ghan-nom ta' Comprod Group Limited dwar il-bilanc pendenti fejn gie nfurmat li l-ahhar xoghol li kellhom kien sar f' Jannar u thallas fl-istess perjodu. L-imputat tah *open dated* cekk ta' €47,000 bhala garanzija (Dok. JM 1 a fol30 tal-atti processwali). Meta nkiteb dan ic-cekk kien hemm bzonn ta' emenda bejn il-kliem "Pay" u "John" u l-imputat reggha ffirmah c-cekk quddiem il-parti civile. John Claude Mercieca mela biss id-data tac-cekk bid-data tat-12 ta' Novembru 2014. Meta c-cekk gie depozitat gie *referred to drawer*. Wara li gie moghti dan ic-cekk il-parti civile avvanza zewg pagamenti ohra lill-imputat fl-ammont ta' €2,600 u €2,500 (Dok. JM4 a fol 345 u 346 tal-atti processwali). Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2017 il-parti civile prezenta rendikont tal-pagamenti li saru lill-imputat (Dok. AD 1 a fol 428

u 429 tal-atti processwali) u email bir-rendikont tal-pagamenti (Dok. AD 2 a fol 430 u 431 tal-atti processwali). Skont tali lista il-parti civile thallas €17,960.

Illi fl-udjenza tas-6 ta' April 2017 gew prezentati mir-rapprezentanti tal-Lombard Bank Malta plc (Dok. LB 1 a fol 353 sa 355 tal-atti processwali), APS Bank Malta plc bhala (Dok. RM a fol 358 sa 363 tal-atti processwali). HSBC Bank Malta plc (Dok. MV 1 a fol 367 sa 389 tal-atti processwali) statements tal-kontijiet ta' Comprod Group Limited. Marvic Vella, Compliance Manager fi hdan l-HSBC Bank Malta plc xehdet (a fol 364 sa 366) li fl-20 ta' Mejju 2013 il-kont gie trasferiet ghal recoveries u twaqfu c-cekkijiet kollha inkluz ic-cekk 1316 fl-ammont ta' €47,000 datat 12 ta' Novembru 2014 u li ma kienx hemm facilità ta' overdraft. Fl-istess udjenza Joanne Bartolo, Senior Manager Litigation Legal Office fi hdan il-Bank of Valletta plc prezentat ic-cekkijiet (Dok. JB 1 a fol 393 sa 395 tal-atti processwali) mahruga mill-parti civile John Claude Mercieca pagabbli lill-imputat. Ic-cekkijiet gew onorati u msarrfa mill-imputat. Ikkonfermat li l-imputat kellu facilita ta' overdraft flimkien ma' Natasha Falzon li nfethet fit-30 ta' Gunju 2009 u nghalqet fit-20 ta' Awwissu 2011. Stephen Baldacchino, in rapprezentanza ta' Banif Bank plc xehed fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2017 (a fol 462 sa 464 tal-atti processwali) li Comprod Group Limited kellha overdraft facility li spiccat fl-1 ta' Frar 2012 bl-ammont dovut ta' €317,127.39 (Dok. SB01 u SB02 a fol 465 sa 499 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2017 Jasmine Cachia rapprezentanta ta' Arrigo Group Limited iddikjarat (a fol 432 sa 434 tal-atti processwali) li l-

kumpanija Comprod Computer Centre forniet servizzi lil kumpanija Arrigo Travel konsistenti f'ups prolink. Kien hemm hames okkazzjonijiet ohra fejn inghataw servizzi simili li kienu thallsu u ma kienx hemm aktar pendenzi (Dok. JC 1 a fol 435 sa 461 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2017 Pierre Sammut Direttur tal-finanzi tal-MCAST iddikjara (a fol 504 sa 506 tal-atti processwali) li qabel l-2012 Comprod kienet tat servizzi ta' networking u hardware lill-Kullegg MCAST liema servizzi gew imhallsa (Dok. PS1 a fol 507 513 tal-atti processwali) bl-ahhar pagament sar fis-27 ta' Gunju 2012.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (a fol 520 tal-atti processwali) huma ta' Frodi b'eghmil qarrieqi, u approprazzjoni bla jedd.

**Frodi b'Eghmil Qarrieqi u Kazijiet Ohra ta' Qligh b'Qerq (Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali).**

Illi dwar l-elementi tar-reat ta' truffa li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tal-ewwel akkuza l-awtur Francesco Antolisei jghid:

> "Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo,

che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distinguesia dal furto che dall' inappropriazione indebita. Ambe due questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di coluiche la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario.

Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse adottenere che la vittima si danneggi da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizie vole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.

La fatti specie oggettiva della truffa constade I seguenti elementi: 1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri; 2) la causazione di errore, il quale deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale; 3) un danno patrimoniale derivato dell' inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona."

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza l-Pulizija vs Emanuele Ellul (deciza fl-20 ta' Gunju 1997) qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

"Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-*mise en scene* cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball– l-ingann– u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent liema telf u qligh ikun rizultat ta'

> xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.

> Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa l-Antolisei jghid hekk:

> "l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenzi dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenzi dell'errore, e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui."

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' Frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominata. Illi fis-sentenza l-Pulizija vs Carmela German deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2004 intqal hekk:

> "Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah *mise en*

> *scene*, ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata."

In tema legali gie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby li:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' Frodi innominata (jew lukru frawdulenti nnominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer,App. Krim., 3/3/56)."

Illi fil-kaz de quo rrizulta mill-provi li l-partijiet kienu joperaw b'sistema fejn l-imputat juri invoice tal-ordnijiet lill-parti civile li kien jghaddilu l-flus sabiex ihallas lis-suppliers. Il-Qorti tinnota li fir-rigward ta' Arrigo Group Limited jirrizulta s-segwenti:

| **Data tal-invoice** | **Fol.** | **Data ta' meta gie processat il-pagament** |
|---|---|---|
| 22/06/2012 | 435 | 30/07/2012 |

| | | |
|---|---|---|
| 14/12/2012 | 439 | 31/12/2012 |
| 12/01/2013 u 21/02/2013 | 443 u 444 | 11/03/2013 |
| 10/04/2013 | 448 | 21/05/2013 |
| 13/01/2012 u 23/01/2012 | 452 u 453 | 03/03/2012 |
| 16/05/2013 u 22/05/2013 | 459 | 30/05/2013 |

Illi mill-emails esebiti (Dok. JF 5) jirrizulta li minkejja li l-ahhar pagament li sar minn Arrigo Group Limited kien fit-30 ta' Mejju 2013, f'email tat-2 ta' Ottubru 2013 l-imputat informa lill-parti civile li l-pagamenti ghadhom ma sarux meta fil-verita l-kont kien thallas diga hames xhur qabel.

Illi fir-rigward tal-ordnijiet u l-pagamenti li saru mill-MCAST, jirrizulta li l-pagamenti saru permezz ta' 7 cekkijiet li nhargu bejn l-14 ta' ta' Frar 2011 sat-30 ta' Jannar 2012 cjoe ferm qabel ma dahlu fi shab il-partijiet. Fl-email tat-8 ta' Frar 2014 l-imputat informa lill-parti civile li l-pagamenti tal-MCAST kienu ghadhom ma nhargux u kien qieghed jistenna c-cekk. Il-Qorti tinnota li l-imputat naqas milli jipprezenta imqarr invoice wiehed li tissostanzja l-verzjoni tieghu li wara li dahlu fis-shab fin-negozju kien hemm ordni mill-Kullegg MCAST. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda u l-provi migjuba quddiema filwaqt li din il-Qorti temmen li l-imputat kellu negozju tal-informatika m' ghandiex dubju li l-imputat inganna lill-parte civile billi ivvinta ordnijiet li ma kienux jezistu bhal kaz tal-MCAST fejn l-ahhar ordni kienet saret qabel mal-partijiet kienu

ltaqghu. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jikkonkorru l-ingann, il-mise en scene u l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, u appena indikati fil-paragrafi precedenti, sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' truffa li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tal-ewwel akkuza.

**<u>Approprazzjoni Indebita</u>**

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ta' approprazzjoni indebita kkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat:

> "Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> "La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di DirittoPenale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

> "Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni in debita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni in debita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il-ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v Dr. Siegfried Borg Cole deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan ir-reat:

(Commento al CodiceItaliano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106): "Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo (il dolo special nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diede rospesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affattu impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene I titoli a garanzia del dovuto gli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Marbeck Cremona deciza fil-15 ta' Frar 2007 gie deciz:

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe` japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor

Illi fil-kaz odjern huwa evidenti li t-tieni imputazzjoni inghatat bhal alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni fejn l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' truffa, li taghha l-imputat qed jinstab hati u isegwi ghalhekk li l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza ta' misapproprazzjoni. Fi kwalunkwe kaz jinghad li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' truffa u mhux f'dak ta' approprijazzjoni indebita.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u l-Qorti sejra ghalhekk timponi piena karcerarja sospiza fil-massimu u ser tapplika l-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Awwissu 2017 u senjatament l-Artikoli17, 18, 23, 31, 308 u 310(1)(a)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni qed titqies li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' €33,140[2] lil John Claude Mercieca entro sentejn (2) millum.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] €51,100 li minnhom tnaqqas €17,960 imhallsa skont ir-rendikont Dok. AD 2 a fol 430 u 431 tal-atti processwali.